KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

Laqgħa Numru 28

It-Tnejn 10 ta' Awwissu 2026

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti

28.1 Qari tal-Apoloġiji

28.1.1 Is-SE informa li kien irċieva l-ittra tal-Kunsillier Antoine Vella.

28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżenta l-minuti tal-laqgħa numru 27 li kienu meqjusa moqrija

82.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

28.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li fil-jiem li għaddew saru l-intervisti għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv. Huwa spjega li għal din il-kariga kienu applikaw żewġ kandidati u li l-proċess tal-intervisti sar skont il-proċeduri stabbiliti. Is-Sindku żied li wara li jiġi konkluż il-proċess ta' evalwazzjoni, il-Kunsill jiġi infurmat bl-iżviluppi li jmiss.

28.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-logħob kien se jsir fil-pjazza u li l-attivitajiet kienu se jkunu mifruxa fuq jumejn. Huwa spjega li matul dawn il-jumejn il-pubbliku seta' jattendi u jipparteċipa fl-attivitajiet organizzati, bil-għan li jinħoloq ambjent ta' divertiment u parteċipazzjoni għall-komunità. Ġie nnotat ukoll li l-organizzazzjoni tal-attività kienet se ssir b'tali mod li jiġu ffaċilitati l-logħob u l-attivitajiet kollha ppjanati matul iż-żewġ ġranet.

28.4 Segretarju Eżekuttiv

28.4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, wara li tlesta l-proċess tal-intervisti għall-pożizzjoni inkwistjoni, il-Bord tal-Għażla wettaq l-evalwazzjoni tiegħu abbażi tal-kriterji u l-proċeduri stabbiliti. Wara li ġew ikkunsidrati l-prestazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-kandidati matul il-proċess tal-għażla, il-Bord ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill.
Fid-dawl tar-riżultati miksuba mill-kandidati u tar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla, is-Sindku informa li qed jiġi propost li l-Kunsill jipproċedi bl-għażla tal-kandidat li kiseb l-ewwel post fil-klassifika finali tal-intervisti. Ġie spjegat li din il-proposta qed issir fuq il-bażi tal-evalwazzjoni u r-riżultati tal-proċess tal-għażla mwettaq mill-Bord.

28.5 Delegazzjoni Barcelona

28.5.1 Is-Sur Antoine Vella informa lill-Kunsill li kien hemm l-opportunità li jattendi Expo li se ssir f'Barċellona. Huwa spjega li l-parteċipazzjoni f'din l-attività kienet ser tipprovdi opportunità sabiex jiġu esplorati inizjattivi u opportunitajiet relatati mal-qasam tal-Expo, kif ukoll sabiex jiġu kkuntattjati u diskussi ideat ma' persuni u entitajiet oħra preżenti.

Għaldaqstant, is-Sur Antoine Vella talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun jista' jattendi għal din l-Expo f'Barċellona. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel u approva t-talba sabiex is-Sur Antoine Vella jattendi għall-imsemmija Expo.

28.6 Triq L-anzjani

28.6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie nnutat periklu imminenti relatat ma' ħajt li jinsab fi Triq l-Anzjani, li jista' jikkawża riskju għas-sigurtà tal-pubbliku u, f'każ li l-ħajt jikkrolla jew jinqala' xi materjal minnu, jista' jwassal biex persuna tweġġa'. Fid-dawl ta' dan ir-riskju, is-Sindku saħaq fuq il-ħtieġa li tittieħed azzjoni preventiva mingħajr dewmien sabiex jiġi indirizzat il-periklu u tiġi mħarsa s-sigurtà tal-persuni li jgħaddu minn dik iż-żona. Għaldaqstant, huwa informa lill-Kunsill li kien ser jintalbu kwotazzjonijiet mingħand kuntratturi kompetenti sabiex jitwettqu x-xogħlijiet ta' manutenzjoni meħtieġa u l-ħajt jiġi rranġat u assigurat kif meħtieġ.

28.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

28.7.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 21/2026), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

28.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru 2026 fis-18:30.

Dale Hayman
Sindku

Shawn Tanti
Deputat Segretarju Eżekuttiv